32004D0649

L 298/20 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 23.9.2004

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**ta' l-24 ta' Mejju 2004**

**li taħtar żewġ membri tar-Renju Unit u ħames membri supplenti tar-Renju Unit tal-Kumitat tar-Reġjuni**

(2004/649/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern tar-Renju Unit,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta Deċiżjoni li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]).

(2) Il-post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara l-iskadenza tal-mandat tas-Sinjura Christine MAY, li dwaru l-Kunsill kien notifikat fl-24 ta' Lulju 2003, il-postijiet ta' tliet membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara l-iskadenza tal-mandati tas-Sinjura Diane BUNYAN, tas-Sinjur Hugh HALCRO-JOHNSTON u tas-Sinjura Irene McGUGAN, li dwaru l-Kunsill kien notifikat fl-24 ta' Lulju 2003; post ta' membru sar vakanti wara r-riżenja tas-Sinjura Irene OLDFATHER, li dwaru l-Kunsill kien notifikat fil-5 ta' Mejju 2004 u żewġ postijiet ta' membri supplenti saru vakanti wara n-nomina tas-Sinjur Jack McCONNELL u tas-Sinjur Corrie McCHORD bħala membri sħaħ,

([1]) ĠU L 24, tas-26.1.2002, p. 38.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

a) 1. Is-Sinjur Jack McCONNELL

First Minister, Scottish Parliament

huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjura Irene OLDFATHER

2. Is-Sinjur Corrie McCHORD

Leader Stirling Council

huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjura Christine MAY

b) 1. Is-Sinjura Helen HOLLAND

Bristol City Council

hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjura Diane BUNYAN

2. Is-Sinjura Nicola STURGEON

   Scottish Parliament

   hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjura Irene McGUGAN

3. Is-Sinjur Jim McCabe

   North Lanarkshire Council

   huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjur Corrie McCHORD

4. Is-Sinjur Andrew CAMPBELL

   Leader of Dumfries and Galloway Council

   huwa b'dan maħtur membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjur Hugh HALCRO-JOHNSTON

5. Is-Sinjura Irene OLDFATHER

   Scottish Parliament

   hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sinjur Jack McCONNELL

għall-bqija tal-mandati tagħhom, li jintemmu fil-25 ta' Jannar 2006.

Magħmula fi Brussell, nhar il-24 ta' Mejju 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. AHERN